

31996R0285

L 37/18

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

15.2.1996

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 285/96
ta' l-14 ta' Frar 1996**

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1162/95 li jstabbilixxi regoli dettaljati speċjali għall-applikazzjoni tas-sistema ta' liċenzji għall-importazzjoni u l-esportazzjoni taċ-ċereali u r-ross

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 tat-30 ta' Ġunju 1992 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq taċ-ċereali ⁽¹⁾, kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1863/95 ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 16 (1) u 17 (1) ta' dan,

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1162/95 ⁽³⁾, kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 2917/95 ⁽⁴⁾, jstabbilixxi regoli dettaljati speċjali għall-applikazzjoni tas-sistema tal-liċenzji għall-importazzjoni u l-esportazzjoni taċ-ċereali u r-ross;

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1501/96 ⁽⁵⁾, kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 95/95 ⁽⁶⁾, jstabbilixxi, għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 16 tar-Regolament (KEE) Nru 1766/92, il-miżuri li għandhom jittieħdu fil-każ ta' xi taqlib jew theddida ta' taqlib fis-suq Komunitarju u b'mod partikolari l-kondizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' taxxi ta' l-esportazzjoni;

Billi, minħabba fin-natura mhux kummerċjali tal-miżuri għall-għajjnuna Komunitarja u nazzjonali fuq l-ikel kif previst taħt il-ftehim internazzjonali jew programmi supplimentari oħra, kif ukoll miżuri oħra ta' provvista Komunitarja bla ħlas, l-esportazzjonijiet li jsiru għal dawk l-iskopijiet huma esklużi mill-qasam ta' l-applikazzjoni tat-taxxa fuq l-esportazzjoni applikabbli l-esportazzjonijiet kummerċjali fil-każ ta' taqlib fis-suq taċ-ċereali; billi d-disposizzjoni stabbilita fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1162/95 għandha għalhekk tkun aġġustata billi tiġi estiża l-applikazzjoni tagħha fuq iċ-ċereali u l-prodotti taċ-ċereali;

Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat għall-Immaniġġar taċ-Ċereali,

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Brussel, l-14 ta' Frar 1996.

Għall-Kummissjoni

Franz Fischler

Membru tal-Kummissjoni

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1162/95 qiegħed jiġi emendat kif ġej:

“Artikolu 5

Għall-finijiet tat-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 15 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1501/95 ^(*) u ta' l-Artikolu 17 (10) tar-Regolament (KEE) Nru 1418/76, is-Sezzjoni 22 tal-liċenzji għall-esportazzjoni għandha tindika wieħed minn dawn li ġejjin:

- Gravamen a la exportación no aplicable
- Eksportafgift ikke anvendelig
- Ausfuhrabgabe nicht anwendbar
- Μη εφαρμοζόμενος φόρος κατά την εξαγωγή
- It-taxxa ta' l-esportazzjoni mhix applikabbli
- Taxe à l'exportation non applicable
- Tassa all'esportazione non applicabile
- Uitvoerbelasting niet van toepassing
- Taxa de exportação não aplicável
- Vientimaksua ei sovelleta
- Exportavgift icke tillämplig.”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara li jiġi ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan għandu jgħodd b'effett mill-1 ta' Lulju 1995.

⁽¹⁾ ĠU Nru L 181, ta' l-1. 7. 1992, pġ. 21.

⁽²⁾ ĠU Nru L 179, tad-29. 7. 1995, pġ. 1.

⁽³⁾ ĠU Nru L 117, ta' l-24. 5. 1995, pġ. 2.

⁽⁴⁾ ĠU Nru L 305, tad-19. 12. 1995, pġ. 53.

⁽⁵⁾ ĠU Nru L 147, tat-30. 6. 1995, pġ. 7.

⁽⁶⁾ ĠU Nru L 18, ta' l-24. 1. 1996, pġ. 10.

^(*) ĠU Nru L 147, tat-30. 6. 1995, pġ. 7.